**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 27 ta' April 2016**

**App. Nru. 539/10 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mark Agius**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Mark Agius, karta ta' l-identita` numru 471768(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

(1) nhar it-3 ta' Mejju 2009, għall-ħabta ta' 13:15 hrs u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, ġewwa l-Każin "Peace Band Club", sitwat fi Pjazza Vittorja, Naxxar, għamel jew xjentement żamm jew kellu għandu jew taħt il-kontroll tiegħu xi sustanza esplożiva taħt dawk iċ-ċirkostanzi illi jagħtu għaliex wieħed għandu bir-raġun jaħseb illi huwa għamilha, żammha jew kienet għandu għal ħsieb mhux leċitu;

(2) fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi daħħal f'Malta porvli ta' l-isparar, jew esplożivi oħra, inkella fetaħ jew żamm fabbriki tal-porvli jew xogħlijiet tan-

nar, inkella fabbriki oħra fejn jinħadmu porvli jew esplożivi oħra mingħajr liċenza mill-Kummissarju tal-Pulizija. Din il-liċenza ma tiġix mogħtija kemm-il darba ma jittiħdux il-prekawzjonijiet meħtieġa għall-ħarsien tal-ħajja u tal-proprjeta`;

(3) fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, żamm għall-bejgħ jew ħażen porvli ta' l-isparar jew esplożivi mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mogħtija fit-3 ta' Diċembru 2010 fejn dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mark Agius ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u, wara li rat l-artikoli 313 u 314 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 3(1), 9, 27, 40, 40B u 50 tal-Kap. 33 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 17, 23 u 31 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu għal piena ta' sentejn (2) priġunerija. Inoltre kkundannatu jħallas lir-Reġistratur l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri fi żmien erba' xhur mid-data tas-sentenza appellata;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Mark Agius ippreżentat fis-17 ta' Diċembru 2010 fejn talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

> "Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati ghamlet apprezzament kompletament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha. L-esponent ma kienx jaf bil-presenza ta' l-esplosivi fil-*basement* u kellu jigi liberat mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Sfortunatament ghalih il-Qorti tal-Magistrati strahet fuq, *inter alia*, ritratti tal-fond (kif ukoll CD f'filmati ta' l-istess haga) li ttiehdu wara li l-esplusivi nhargu mill-mohba li kienu ppakkjati fiha. Jidher li l-Qorti giet zvijata mir-relazzjoni ta' l-espert ta l-isplussivi l-Kaptan Jeffrey Curmi. Filwaqt li mill-aspett purament tekniku jidher li l-konkluzjonijiet tieghu huma ineccepibbli, ghandu jinghad li n-nuqqas ta' esperjenza tieghu fl-ambitu ta' redazzjoni ta' relazzjonijiet tohrog mill-mod xejn car ta' kif gew esposti l-fatti riskontrati.
>
> "Illi ma jidhirx li jista' jkun hemm kontestazzjoni rigward il-fatt li r-ritratti minnu mehuda juru stampa tal-*basement* wara li l-esplussivi nhargu mill-mohba. Sfortunatament dan il-fatt ma ssemmiex minn dan l-espert u kien proprju dan in-nuqqas li nduca lill-Qorti tal-Magistrati fl-izball taghha. Fi kwalunkwe kaz

wiehed jista' facilment jiddesumi dan il-fatt mid-dicitura wzata fir-relazzjoni. Fil-fatt, fil-paragrafu (5) tieghu jinghad hekk:

"*'II-materjal splussiv* <u>*kollu*</u> *li nstab kien qieghed f'kamra zghira ta' madwar 4 piedi, b'7.5 pied, b'10.5 piedi gholi. Din il-kamra ma kellha ebda tieqa,* <u>*u l-uniku access ghaliha kien bieb, Ii kien mohbi b'armadju*</u> *(Ritratti '10 u 11 u JCO6)'* (sottolinear ta l-esponent).

"Illi fis-sentenza appellata, wara li l-Qorti tal-Magistrati elenkat lista ta' oggetti misjuba fil-kamra ndikata mill-espert, hija kompliet b'dan il-mod:

"*'llli kif jidher mir-ritratti u mis-CD fuq riferiti dawn [l-oggetti elenkati] huma ta' daqs pjuttost konsiderevoli li ghandhom jidhru minn min ikun fil-kantina bla diffikulta`.'*

"lktar 'il quddiem il-Qorti tghid hekk:

"*'llli kif jidher mill-istess ritratti prodotti fl-atti l-ambjent kollu in dizamina hu ppakkjat mhux biss bl-apparat mekkaniku u strutturali fejn jistghu jitwahhlu dawn l-esplussivi fil-wirjiet piroteknici li eventwalment isiru,* <u>*izda hemm ukoll kaxex ta' splussiv u porvli anke fil-parti esterna fejn l-istess imputat jistqarr li kien jinzel biex jitfi t-'timer' tal-kazin*</u>*'* (sottolinear ta l-esponent).

"lllli kien proprju dan il-*misconception* tal-Qorti li wassaiha ghall-konkluzjoni zbaljata li l-esponent kien jaf bil-presenza ta dawn l-esplussivi. Din il-konkluzjoni giet bazata, kif jidher car mill-brani citati, fuq il-fatt li l-oggetti *de quo* kienu vizibbli ghal kull min jinzel fil-*basement* naturalment inkluz l-esponent. Hawnhekk ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati strahet fuq dak li deher fir-ritratti u fis-CD u injorat (jew iktar probabbli sfuggielha) dak li qal l-espert Curmi fis-sens li l-materjal splussiv <u>kollu</u> li nstab kien qieghed f'kamra zghira ta' madwar 4 piedi, b'7.5 piedi, b'10.5 piedi gholi u Ii din il-kamra ma kellha ebda tieqa, u l-uniku access ghaliha kien bieb, li kien mohbi b'armadju.

"Illi naturalment ma jistax ma jigix rilevat li din il-kamra kienet mohbija tajjeb tant li, kif koncess minn wiehed miIl-ufficjal prosekutur l-Ispettur Elton Taliana, qabel it-3 ta' Mejju, 2008 kienet saret mill-inqas *search* ohra f'dan il-*basement* li kienet irrizultat fin-negattiv. Ghalhekk ma jaghmilx sens dak li gie deciz mill-Qorti li l-esplussivi kienu fil-parti esterna fejn l-esponent kien jinzel biex jitfi t-'timer' tal-kazin! L-Ispettur Taliana xehed li n-nar kien mohbi tajjeb u kif kien ma stajtx tinduna bih (fol. 46). Dan kollu jkompli jikkonferma kemm ix-xenarju li jirrizulta mir-ritratti hija dik ta' wara li l-esplussivi nhargu mill-mohba proprju <u>bil-ghan li jigu iffotografati</u> u eventwalment elevati.

"Illi fix-xiehda tieghu, l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Nikolai Sant jiddikjara minghajr tlaqliq li l-esponent gie akkuzat bl-imputazzjonijiet premessi a bazi tal-fatt li kellu cavetta tal-*basement* (vide fol. 35)! Dan ix-xhud, fuq domanda ta' l-avukat sottoskritt in kontroezami dwar jekk kellux xi prova li l-esponent kien qed jigdeb meta fl-istqarrija qal li ma kienx jaf bil-presenza ta' l-isplussivi, jghid b'mod skjett '[l]e ma ghandix' (fol. 37).

“Illi huwa ghalhekk car, u del resto koncess anke mill-prosekuzzjoni, li l-esponent tressaq esklussivament a bazi tal-fatt li kellu cavetta tal-*basement*. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li ebda prosekutur ma kien ser jaghmel dikjarazzjoni simili li kieku kien rrizultalu l-presenza ta l-esplossivi fil-post fejn kien jinzel sabiex jitfi t-’timer’. Dan il-fatt ikompli juri kemm is-sejbien ta’ htija ta’ l-esponent hija biss frott ta’ malintiz minhabba r-redazzjoni xejn felici tar-relazzjoni msemmija.

“Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li, bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-konsapevolezza tal-presenza tal-materjal esplossiv ma jista’ qatt jigi ekwiparat mal-pussess ta’ l-istess materjal ghall-fini ta’ l-imputazzjonijiet addebitati lill-esponent.

“Illi, fi kliem iehor, ghalkemm il-provi juru car li l-esponent ma kienx jaf bil-presenza tal-materjal esplossiv, anke jekk ghal grazzja ta’ l-argument huwa kien jaf li qeghdin mohbija u kien jaf ukoll x’inhuma dawn l-oggetti, ma jista’ b’ebda mod jinghad li huwa kien fil-pussess taghhom ghall-finijiet ta’ reita`.

“Illi effettivament lanqas ma jista’ jigi argumentat li l-esponent huwa b’xi mod vikarjament responsabbli ghal xi reat in kwantu m’ghandux u wisq anqas ma rrizulta li ghandu xi kariga msemmija fl-artikolu 13(1) ta’ l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249). Jigifieri r-responsabbilita` li biha qed jigi akkuzat l-esponent hija manifestament personali. Huwa ghalhekk bl-akbar rispett assurd li jigi argumentat li l-esponent kien, ghall-finijiet ta reita`, personalment fil-pussess tal-materjal meritu ta’ din il-kawza.

“Illi t-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il-piena komminata mill-Qorti tal-Magistrati hija kompletament sproporzjonata tenut kont tac-cirkostanzi kollha li rrizultaw.

“Illi ghandu jinghad fl-ewwel lok li jidher car li l-Qorti tal-Magistrati volutament injorat l-artikolu 41 ta l-Ordinanza dwar l-Esplosivi (Kap. 33) li jiddisponi hekk:

“*‘Il-pieni stabbiliti fid-disposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza jew xi regolamenti maghmulin bis-sahha taghha jghoddu biss meta l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi reat punibbli b’pieni akbar taht il-Kodici Kriminali, jew taht ligijiet ohra; f’dan il-kaz ighoddu l-pieni kkontemplati f’dak il-Kodici jew ligijiet ohra.’*

“Illi l-portata ta’ din id-disposizzjoni hija carissima. Fil-kaz in dizamina galadarba l-Qorti tal-Magistrati kienet qed issib htija fir-reat kontemplat fl-artikolu 313 tal-Kodici Kriminali, reat li ggorr piena akbar minn dik kontemplata ghar-reati fit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet (artikoli 3(1) u 9(1) ta’ l-imsemmija Ordinanza), ma setghet qatt taghti piena ghal dawn l-ahhar zewg imputazzjonijiet.

“Illi qed jinghad li x-xelta tal-Qorti tal-Magistrati kienet wahda voluta ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok jidher car li l-artikoli citati fis-sentenza appellata gew semplicement ikkopjati minn dawk indikati mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju tieghu, bl-inkluzjoni ta diversi artikoli superfluwi jekk mhux addirittura irrilevanti. L-uniku artikolu citat mill-Avukat Generali li ma giex riprodott mill-Qorti kien proprju l-artikolu 41 ta l-imsemmija Ordinanza! Fit-tieni

lok, ir-referenza ghall-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali hija proprju l-antitesi ta' l-applikazzjoni ta l-artikolu 41 imsemmi. Filwaqt li l-artikolu 41 jiddisponi car, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, li ma kellhiex tinghata piena ghall-ahhar zewg imputazzjonijiet, l-artikolu 17 jitkellem dwar kif ghandu jsir il-konkors ta' dawn id-diversi pieni. Ghalhekk ix-xelta tal-Qorti tal-Magistrati kienet wahda voluta.

"Illi, fi kwalunkwe kaz, jekk din l-Onorabbli Qorti thoss li, nonostante dak kollu li rrizulta mill-provi, l-esponent kien jaf bil-presenza ta l-esplussivi u tali konsapevolezza abbinata mal-pussess ta' cavetta ta' *basement* tissodisfa kemm l-element formali kif ukoll dak materjali tar-reati addebitati lilu, l-esponent umilment jissottometti li l-piena ghandha tinghata fil-*minimum* u ghandha wkoll tigi sospiza fit-termini ta l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali. Dan qed jinghad principalment peress li rrizulta car mill-provi li ma kellu assolutament xejn x'jaqsam ma' dawn l-esplossivi u kien biss id-delizzju tieghu ghall-armar u d-dwal tal-festa li wasslitu biex jghaddi minn din it-trawma."

**6.** L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**7.** Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha miġjuba quddiem l-ewwel Qorti. Jirriżulta illi fit-12 ta' Marzu 2008 seħħet splużjoni fi Triq Ħal-Dgħejf, in-Naxxar, li minħabba fiha waqa' xi bini residenzjali u tilfu ħajjithom żewġ persuni. Wieħed mill-mejtin kien ċertu Paul Camilleri li kien midħla sew tal-logħob tan-nar u tal-każin "Peace" tan-Naxxar. Dakinhar stess l-Ispettur Elton Taliana ta struzzjonijiet sabiex issir tfittxija fil-kantina tal-Peace Band Club. Minn dik it-tfittxija ma rriżulta xejn. Inqalgħet is-serratura li ġiet esebita fi proċeduri li saru kontra l-kumitat ta' dak il-każin. Sussegwentement saret tfittxija oħra fit-3 ta' Mejju 2008 u din id-darba, wara *cupboard* taż-żebgħa, instabet kamra żgħira li fiha kien hemm ammont sostanzjali ta' materjal splussiv u aċċessorji. Dak li nstab huwa ben deskritt fir-relazzjoni tal-perit tekniku, il-Kaptan Jeffrey Curmi.

**8.** Ġie deċiż li jittieħdu passi kemm kontra l-Kumitat kif ukoll kontra l-appellant. Fil-każ ta' l-appellant, jidher li l-unika raġuni li għaliha tressaq bl-akkużi odjerni kienet li kellu ċavetta tal-kantina. Dan jikkonfermah l-Ispettur Elton Taliana.

**9.** L-ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha, tgħid illi minn eżami "tar-ritratti a fol 70 tal-proċess u tas-CD annessa mar-rapport tal-espert tal-isplussivi a fol 73 tal-istess proċess juri kantina ppakkjata għall-inverosimili b'oġġetti li jintużaw

esklussivament għall-produzzjoni tal-logħob tan-nar" u li "dawn huma ta' daqs pjuttost konsiderevoli li għandhom jidhru minn min ikun fil-kantina bla diffikulta`". L-ewwel Qorti tgħid ukoll li, "kif jidher mill-istess ritratti prodotti fl-atti l-ambjent kollu in diżamina hu ppakkjat mhux biss bl-apparat mekkaniku u strutturali fejn jistgħu jitwaħħlu dawn l-esplussivi fil-wirjiet pirotekniċi li eventwalment isiru, iżda hemm ukoll kaxex ta' splussiv u porvli anke fil-parti esterna fejn l-istess imputat jistqarr li kien jinżel biex jitfi t-'timer' tal-każin .... in effetti tant tidher ippakkjata l-kantina *de quo*, li min jinżel fiha ftit kien ikollu spazju biex jimmanuvra ...." Skond l-ewwel Qorti, "id-difiża tal-imputat li dan il-materjal inkriminanti kien miżmum esklussivament f'dik il-parti moħbija tikkrolla inevitabbilment għaliex immedjatament meta wieħed jidħol fil-kantina u jagħmel l-ewwel passi tiegħu fl-istess, wieħed mill-ewwel kien isib ruħu ċirkondat bil-materjal esplussiv, u bil-materjal ančillari u ndispensabbli għall-użu tal-istess –u dan, nonostante materjal splussiv ieħor misjub fl-alkova żgħira moħbija wara l-biċċa għamara fuq gia` riferita".

**10.** Mis-sentenza appellata jidher ċar li l-ewwel Qorti rreferiet unikament għar-ritratti meħudin mis-*scene of crime officer* P.C. Duncan Demicoli (Dok. DD) u dawk li jinsabu fis-CD esebit mill-espert tekniku fir-relazzjoni tiegħu Dok JC. Mir-relazzjoni ta' l-espert tekniku jirriżulta illi "l-materjal splussiv kollu li nstab kien qiegħed f'kamra żgħira ta' madwar 4 piedi, b'7.5 piedi, b'10.5 piedi għoli" (sottolinear ta' din il-Qorti). Ir-ritratt JC06 fis-CD esebit mill-espert tekniku juri din il-kamra mimlija kaxex. Ir-ritratti 08BAL126 sa 08BAL134 meħudin mis-*scene of crime officer* juru din il-kamra vojta wara li kienet svujtata minn membri ta' l-iskwadra ta' l-E.O.D. tal-Forzi Armati. Ir-ritratti li juru l-materjal splussiv u materjal anċillari huma b'hekk ta' dawk l-oġġetti li nħarġu mill-moħba u li għalhekk, kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel Qorti, ma kinux jinsabu fid-deher. Kwindi jekk, bħalma jistqarr l-appellant fl-istqarrija tiegħu, kien jinżel jitfi t-"timer", liema "timer" jinsab f'kaxxa mal-ħajt fuq in-naħa tal-lemin tat-taraġ (ara ritratt 08BAL110), żgur ma kienx isib ruħu "ċirkondat bil-materjal splussiv u bil-materjal anċillari u ndispensabbli għall-użu tal-istess" bħalma tgħid l-ewwel Qorti, għax dawn kienu misturin fil-moħba wara l-*cupboard*.

**11.** Din il-Qorti tirreferi wkoll għas-segwenti verbal li sar quddiem din il-Qorti fit-8 ta' Ġunju 2011:

> "Il-prosekuzzjoni u d-difiża jaqblu illi r-ritratti meħudin mill-espert nominat a folio 70 tal-proċess u tas-CD annessa mar-rapport tal-espert tal-isplussivi Jeffrey Curmi a folio 73 huma ritratti li ttieħdu wara l-oġġetti in kwistjoni nħarġu minn fejn kienu moħbija, liema ritratti ttieħdu dakinhar stess li nħarġu minn din il-moħba, jiġifieri nhar-it 3 ta' Mejju 2008. Il-partjiet jaqblu wkoll illi fejn l-appellant jistqarr li huwa kien jinżel fil-*basement* sabiex jitfi t-'timer', il-perijodi

li qed nirreferu għalihom huma perijodi tal-ġranet tal-festi tal-Milied u l-ġranet tal-festa ta' Marija Bambina tan-Naxxar (8 ta' Settembru)."

**12.** Fl-istqarrija tiegħu l-appellant jgħid li ma kienx jaf bl-isplussiv fil-*basement* u kieku kien jaf bih ma kienx jersaq 'l hemm. Għal sensiela ta' mistoqsijiet jekk għandux xi liċenzja tan-nar, jekk qattx ra jew mar viċin murtal lest, jekk qattx mar l-għalqa minn fejn itellgħu n-nar, u jekk ġieli haraqx musketterija minn fuq il-bejt tal-każin wieġeb li le. Fil-fatt l-interess ta' l-appellant jidher li kien fid-dwal.

**13.** Waqt is-sottomissjonijiet quddiem din il-Qorti, il-prosekuzzjoni rreferiet ukoll għall-atti tal-proċess verbal li kien ġie redatt in konnessjoni ma' l-isplużjoni fi Triq Ħal-Dgħejf (Dok RB), atti li ma jirriżultax li l-ewwel Qorti rreferiet għalihom. Minn dawn l-atti jirriżulta mir-rapport tal-perit arkitett A.I.C. Richard Aquilina li fis-17 ta' Lulju 2008 saret tfittxija oħra fil-*basement* tal-każin u nstabu diversi splussivi oħra, inkluż fuq ir-raff in-naħa tax-xellug tat-taraġ fejn kien hemm kaxex bil-bozoz ta' l-elettriku. Minn dan il-fatt il-prosekuzzjoni argumentat illi, ġaladarba l-appellant kien jieħu ħsieb id-dwal, il-fatt li nstabu "kaxxi bil-beraq, gassijiet vojta u skrataċ maħruqin" fuq ir-raff fejn kien hemm "għadd kbir ta' kaxxi bil-bozoz ta' l-elettriku" jfisser li l-appellant kien konsapevoli tagħhom.

**14.** Din il-Qorti tirrimarka l-ewwelnett illi din it-tfittxija saret <u>wara</u> li kien tressaq il-Qorti l-appellant. Allura l-mistoqsija toħroġ waħedha: jekk saret tfittxija fit-3 ta' Mejju 2008 (meta nstabet il-moħba wara l-*cupboard*) u kienet saret ukoll tfittxija oħra f'Marzu, kif setgħu ma nstabux dawn l-oġġetti kollha li nstabu fis-17 ta' Lulju 2008? Jekk fis-17 ta' Lulju 2008 kien hemm mekkaniżmu tan-nar ta' l-art, għaliex ma ġiex innotat fit-3 ta' Mejju 2008? M'hemmx dubju illi kieku dawn l-affarijiet kollha kienu fil-*basement* fit-3 ta' Mejju 2008 kienu jiġu elevati wkoll. Fil-fatt il-moħba li nstabet fit-3 ta' Mejju 2008 instabet minn P.S. 38 Paul Zahra li xehed li qabel ma sabha beda jdur "biċċa biċċa l-post". Il-moħba nstabet minħabba l-mod skrupluż li ħadem dan ix-xhud. Possibbli mbagħad li l-membri ta' l-iskwadra ta' l-E.O.D. m'għokrithom għajnejhom minn xejn aktar fit-3 ta' Mejju 2008? Jidher li l-aħħar li kien daħal fil-post l-appellant kien għall-ħabta ta' Jannar 2008. Allura x'*nexus* jista' jkun hemm bejn l-appellant u l-oġġetti li nstabu fuq dan ir-raff (u l-oġġetti l-oħra li nstabu fis-17 ta' Lulju 2008) wara li kienu diġa` saru żewġ tfittxijiet qabel ma tressaq il-Qorti?

**15.** L-abbli prosekutur irrefera għal ritratt fid-Dok MBX li jinsab a fol 1885 li juri lill-appellant biswit struttura tal-logħob tan-nar ta' l-art mimduda ma' l-art. Dan huwa wieħed minn sensiela ta' ritratti li ttieħdu fl-2004, kważi erba' snin qabel il-każ in eżami. Dan ir-ritratt ma juri lill-appellant jagħmel xejn ħlief

iħares lejn dik l-istruttura. Għalhekk mill-imsemmi ritratt ma tista' tinġibed l-ebda konklużjoni kif tippretendi l-prosekuzzjoni.

**16.** Din il-Qorti tosserva wkoll illi l-appellant ma kienx l-unika persuna li kellha ċavetta għall-*basement* – kien hemm mill-anqas tliet persuni oħra. Investigazzjonijiet dwar persuni oħra li qabel seta' kellhom ċavetta ma sarux.

**17.** F'dar-rigward din il-Qorti tirreferi għall-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Keith Stagno Navarro** deċiż fis-27 ta' April 2006 li si trattava ta' pussess aggravat tad-droga kokaina, fejn intqal:

> **"Illi ma hemmx dubju li d-droga kokajina nstabet f'post li kien jaqa' taht il-kontroll effettiv tal-appellant, pero` dan mhux bizzejjed biex jirrizulta pruvat ir-reat in dizamina w jrid ukoll jirrizulta l-element tax-xjenza li f'dan il-post kien hemm id-droga. Din trid tirrizulta jew mic-cirkostanzi jew minn xi ammissjoni da parti tal-persuna akkuzata. Dan ghaliex mhux eskluz li f'post li fuqu persuna jista' ikollha l-kontroll anki esklussiv, li persuna ohra, ad insaputa tal-persuna li jkollha l-kontroll, tkun poggiet jew hbiet xi droga jew sustanza illecita. Hekk per ezempju wiehed jista' jkollu kontroll effettiv u esklussiv fuq karozza ipparkjata registrata fuq ismu imma ma jkunx jaf li xi hadd, ad insaputa tieghu, ikun tefghalu nitfa droga mix-xaqq tat-tieqa miftuha, biex forsi jinkriminah. L-istess missier li ghandu l-kontroll fuq ir-residenza tieghu ma jistax jinstab hati ta' pussess ta' droga jekk per ezempju ad insaputa tieghu , wiehed minn uliedu li jghix mieghu jkun dahhal droga u hbieha jew zammha f'daru. Ghalhekk mhux bizzejjed li jigi pruvat il-kontroll effettiv jew sahansitra esklussiv fuq xi post, imma jrid jigi pruvat, sal-grad tac-certezza morali, l-element tax-*scienter*, cioe` li jkun konsapevoli li f'dak il-post li jaqa' taht il-kontroll tieghu attwalment hemm id-droga. L-Ewwel Qorti jidher li m'ghamlitx distinzjoni bejn il-kuncett tal-pussess kostruttiv tad-droga w cioe` meta ghalkemm id-droga ma tkunx fil-pussess fiziku ta' dak li jkun, tkun f'post fejn hu jkollu l-kontroll effettiv u l-kuncett ta' pussess effettiv jew kontroll ta' post. F'ta' l-ewwel, element essenzjali hu dejjem l-element tax-xjenza dwar l-ezistenza tad-droga f'dak il-post u, jekk ma jigix pruvat dan l-element, ma tistax tinstab htija."**

**18.** Kif ingħad l-appellant ma kellux il-pussess esklussiv tal-*basement* tal-każin. Kien hemm nies oħrajn li kellhom aċċess. Ma ġiex pruvat li kien jaf bil-moħba fejn instabu l-isplussivi fit-3 ta' Mejju 2008. U lanqas ma ġie ppruvat *nexus* bejnu u dak li nstab fis-17 ta' Lulju 2008. Għalhekk l-ewwel aggravju qiegħed jiġi milqugħ u konsegwentement din il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-aggravji l-oħra.

**19.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.